MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 262/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-29 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti izzewgu fl-20 ta’ Lulju 2000 fir-Registru Pubbliku ta’ Malta u minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx itfal (hawn anness certifikat taz-zwieg Dok A).

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, servizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tas-26 ta' Lulju 2005 hawn anness Dok. B).

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici martu dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici, minnflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

4. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

5. tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-kommunjoni ta' l-akkwisti li jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit min dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tillikwada l-avvanzi u hlasijiet maghmula mill-attrici mill-gid parafernali taghha lill-istess konvenut zewgha u tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lill-attrici dik is-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti, moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

7. tawtorizza lill-attrici illi tirriverti ghall-kunjomha xbubitha.

8. tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju bin-numru 239/05 tal-21 ta' Gunju 2005, tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 62/05 datat l-20 ta' Gunju 2004, tal-Mandati ta' Sekwestru kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut naqas li jippresenta n-nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghs-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni minn ma' zewgha illi abbandunaha fil-bidu ta' Gunju 2005.

Jidher li l-konvenut qed jinnegozja l-proprjeta' immobiljari izda minghajr qatt ma jidher fuq kuntratt u jidher biss fuq konvenji illi jcedi lil haddiehor bi qligh. Ghalhekk kwantu ghal komunjoni tal-akkwisti ma hemm xejn ta' siwi kbir li jigi maqsum.

Il-Qorti jihdrilha li t-talba attrici hija ghal kollox gustifikata, anzi tissimpatizza hafna maghha ghal mod kif giet trattata mill-konvenut. Il-Qorti ser tordna hlas ta' darba li l-konvenut ghandu jaghmel u dan biex l-attrici tkun tista' tibbenefika mid-dritt taghha ghal manteniment jekk xi darba tkun f'posizzjoni li tesegwixxi dan il-kreditu.

**Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u tistabilixxi d-data tal-1 ta' Gunju, 2005 bhala dik meta l-konvenut huwa konsidrat hati tal-firda;**

**2. tawtorizza lill-attrici tghix separata minn mal-konvenut;**

**3. tikkundanna lill-konvenut ihallas ghal darba wahda s-somma ta’ sebat elef Lira Maltin (Lm7,000) a saldu tal-manteniment li hu obligat ihallas;**

**4. tapplika kontra l-konvenut id-dispozzizzjonijet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**5. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tiddikjara l-oggetti kollha fil-pussess tal-attrici u l-kontijiet bankarji f’isimha kollha proprjeta’ taghha;**

**6. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba minhabba nuqqas ta’ prova;**

**7. tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha;**

**9. tawtorizza lill-attrici tirregistra mar-Registru Pubblika din is-sentenza;**

**Spejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------